Middlesea Health

# Polza

B'effett mill-1 ta' Awwissu 2010

Middlesea Insurance p.l.c.

Middlesea Insurance p.l.c.

Middle Sea House, Floriana FRN 1442, Malta.
Tel: (+356) 21 246262 - Fax: (356) 21 248195
E-Mail: middlesea@middlesea.com
Website: www.middlesea.com

# POLZA TA' ASSIGURAZZJONI TAS-SAĦĦA

Billi l-ASSIGURAT imsemmi fl-Iskeda mehmuża hawnhekk mela Formola ta' Applikazzjoni bil-miktub lill-MIDDLESEA INSURANCE p.l.c. (minn issa 'l quddiem imsejħa 'il-Kumpanija') li flimkien ma' kull dikjarazzjoni magħmula bil-miktub mill-Assigurat għall-finijiet ta' din il-polza titqies li hi inkorporata hawnhekk u billi ħallas jew qabel li jħallas lill-Kumpanija l-primjum imsemmi fl-iskeda msemmija, il-Kumpanija taqbel li tindennizza lill-Assigurat fil-mod u sa fejn hu pprovdut aktar 'l isfel suġġett għat-termini, esklużjonijiet, dispożizzjonijiet u kondizzjonijiet li hawn hawnhekk jew li huma endorsjati hawnhekk.

Il-verżjoni bil-Malti ta' dan il-kuntratt qed tingħata biss għall-konvenjenza tal-assigurat. Dan il-kuntratt b'ebda mod m'għandu jkun interpretat b'referenza għall-verżjoni Maltija u jekk ikun hemm xi konflitt ta' tifsir bejn il-verżjoni Ingliża u l-verżjoni Maltija, jew ikun hemm xi dubju, ikun xi jkun, għandha tirbaħ il-verżjoni Ingliża u tkun applikata b'esklużjoni tal-verżjoni Maltija.

J.F.X. ZAHRA
CHAIRMAN

R.E.D. CHALMERS
DIRETTUR

Il-Middlesea Insurance p.l.c. (C-5553) hi awtorizzata mill-Awtorità ta' Malta għal Servizzi Finanzjari biex tmexxi Negozju kemm għat-Tul u kemm Ġenerali taħt l-Att tal-1998 dwar Negozju ta' Assigurazzjoni.

# TAQSIMA 1 - DEFINIZZJONIJIET

Xi kliem użat għandu tifsira speċjali kif definita hawn taħt.

1. **Korriment Aċċidentali**
   Korriment fiżiku ta' f'daqqa u mhux mistenni kkaġunat minn xi ħaġa esterna u li saret bla ebda intenzjoni.

2. **Kondizzjoni medika akuta**
   Kondizzjoni medika li ddum ftit taż-żmien u li tista' tkun ittrattata u kkurata malajr b'kura medika jew tirrispondi immedjatament għall-kura medika u tonqos fl-intensità; jew li mhix kronika kif definit f'4 hawn taħt.

3. **Benefiċjarju**
   L-Assigurat, membru jew membri, dipendent jew dipendenti kif definiti hawn skont il-każ.

4. **Kondizzjoni Medika Kronika**
   Kondizzjoni medika li:
   a. tonqos milli tirrispondi għal kura medika; jew
   b. għadha għaddejja jew tirrikorri b'mod konsistenti; jew
   c. teħtieġ kura paljattiva; jew
   d. teħtieġ perjodi twal ta' superviżjoni medika; jew
   e. m'hemmx kura magħrufa għaliha; jew
   f. twassal għal diżabilità permanenti; jew
   g. hi kaġunata minn bidliet lill-ġisem li ma jistgħux jitreġġgħu lura; jew
   h. teħtieġ li int tkun imħarreġ b'mod speċjali jew riabilitat.

5. **Data tad-dħul fis-seħħ**
   Id-data meta l-kopertura ta' assigurazzjoni tiegħek tidħol fis-seħħ l-ewwel darba.

6. **Kondizzjoni Konġenitali**
   Kull anormalità, deformità, kull xorta ta' mard, jew korriment preżenti fit-twelid, kemm jekk iddijanjostikati kemm jekk le.

7. **Konsulent**
   Kirurgu, anestetista jew tabib li:

   - hu legalment kwalifikat biex jipprattika l-mediċina jew il-kirurġija wara li jkun attenda skola medika rikonoxxuta, u
   - hu rikonoxxut mill-awtoritajiet rilevanti fil-pajjiż li fih tingħata l-kura bħala li għandu kwalifika speċjalizzata jew esperjenza fil-qasam tal-mard jew korriment li jkun qed jiġi kkurat.

   Bi skola medika rikonoxxuta aħna nifhmu skola medika li qiegħda fil-lista tal-*World Directory of Medical Schools* kif ippubblikat minn żmien għal żmien mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

8. **Spejjeż Mediċi Normali**
Il-ħlas li normalment jintalab għal servizz partikolari mogħti minn membri tal-professjoni medika tal-istess speċjalizzazzjoni medika jew tixbaħha fl-istess pajjiż fejn il-kura medika tkun ingħatat.

9. **Ħlas Raġonevoli**
Ħlas raġonevoli li jintalab għal servizzi mediċi meta l-ħlasijiet mediċi normali ma jkunux jistgħu jiġu determinati faċilment.

Ħlas raġonevoli jkun ikkalkulat billi jittieħed każ tal-kumplessità tal-kura involuta, il-grad ta' ħila professjonali u fatturi rilevanti oħrajn, jew skont il-lista ta' benefiċċji massimi applikabbli li tista' tkun maħruġa mill-Kumpanija minn żmien għal żmien.

10. **Data ta' tiġdid**
Il-data murija fl-Iskeda ta' meta tiġġedded il-Polza.

11. **Kura tul il-ġurnata**
Dan hu meta l-Benefiċjarju jiddaħħal l-isptar bħala pazjent reġistrat għal Kura *Day-Case*; u jiffirma formola ta' dħul, okkupa sodda jew għadda minn proċedura kirurġika li hi medikament meħtieġa iżda ma baqax hemm bil-lejl.

12. **Kondizzjoni Dentali jew Ortodontika**
Kull xorta ta' mard jew korriment li normalment jiġu kkurati minn dentist jew ortodontist.

13. **Dipendent/i**
Dawn huma r-raġel, il-mara jew is-sieħeb jew sieħba tal-Assigurat jew tal-Membru li d-dettalji tagħhom jidhru fl-Iskeda tal-Polza. B'Sieħeb jew Sieħba aħna nifhmu persuna li l-Assigurat jew Membru mhux miżżewweġ legalment magħha iżda li hu jgħix magħha jew hi tgħix miegħu u/jew tfal mhux miżżewġin tal-Assigurat jew tal-Membru stess inklużi tfal li jgħixu mal-Assigurat jew mal-Membru bħala parti mill-familja kif jidher fl-Iskeda tal-Polza.

14. **Emerġenza**
Kondizzjoni Medika Akuta ta' f'daqqa u mhux mistennija li jekk ma tkunx ikkurata fi żmien 48 siegħa minn meta tokkorri tista' tirriżulta f'mewt jew tikkaġuna ħsara serja fil-ġisem.

15. **Eċċess**
Dik il-perċentwali tal-klejm pagabbli li tħallasha int.

16. **Familja**
Int, ir-raġel, il-mara jew is-sieħeb jew sieħba tal-Assigurat jew tal-Membru li d-dettalji tagħhom jidhru fl-Iskeda ta' din il-Polza.

17. **Tabib tal-Familja**
Tabib tal-familja reġistrat li jħaddem prattika ġenerali u/jew speċjalista mediku fil-mediċina tal-familja reġistrat biex jipprattika l-mediċina fil-pajjiż fejn tkun qed tingħata l-kura.

18. **Sptar**
Sptar Nazzjonali, Sptar Privat jew klinika jew dar għall-kura f'Malta jew barra minn Malta b'faċilitajiet għall-Kura medika u li għandhom il-permessi meħtieġa skont il-liġi sabiex joperaw bħala Sptar u li huma approvati mill-Kumpanija.

**19. Kura *In-Patient***

Dan hu meta l-Benefiċjarju jiddaħħal l-Isptar bħala pazjent għal kura li hi medikament meħtieġa, iffirma formola tad-dħul, għamel operazzjoni kirurġika li hi medikament meħtieġa u baqa' l-Isptar lejl wieħed jew aktar.

**20. L-Assigurat**

Il-persuna msemmija fl-Iskeda tal-Polza li għandha l-kuntratt ta' assigurazzjoni magħna.

**21. Malta**

Il-Gżejjer ta' Malta, Għawdex u Kemmuna.

**22. Benefiċċju ta' flus għal Maternità**

Dan il-benefiċċju jitħallas lill-omm li tkun wildet, sakemm l-omm tkun ilha assigurata minn 10 xhur qabel.

**23. Kondizzjoni Medika**

Kull xorta ta' mard jew korriment.

**24. Medikament Meħtieġ**

Kura li fil-fehma tat-Tabib tal-Familja jew ta' Speċjalista tal-Benefiċjarju hi kemm addattata u kemm konsistenti għall-Kondizzjoni Medika dijanjostikata li, skont il-prattika medika aċċettata komunement, jekk ma tingħatax ikollha effett serju u ħażin fuq is-saħħa tal-Benefiċjarju.

**25. Membru/Membri**

Hija persuna li ħadet il-Polza bħala parti minn Grupp.

**26. Wild Ġdid**

Ulied imweldin tul il-perjodu ta' assigurazzjoni jkunu koperti fl-istess livell tal-omm jew tal-missier, b'xejn, sad-data ta' tiġdid li tkun tmiss, basta l-omm jew il-missier japplikaw għal din il-kopertura fi żmien tliet xhur mit-twelid tat-tarbija u ċ-ċertifikat tat-twelid relattiv jintbagħat lill-Middlesea Insurance p.l.c. fi żmien l-istess perjodu.

**27. Kura *Out-Patient***

Kura mogħtija minn Speċjalista jew taħt il-kontroll ta' Speċjalista fi Sptar, uffiċċju ta' konsulenza ta' Speċjalista jew lokal ieħor approvat minna meta l-Benefiċjarju ma jkunx daħal għall-kura bħala *day-case* jew għall-kura bħala *in-patient.*

**28. Kura Paljattiva**

Kull proċedura medika li tingħata biex ittaffi temporanjament aktar milli biex tikkura Kondizzjoni Medika.

**29. Fiżjoterapista**

Persuna li hi kwalifikata bħala Fiżjoterapista u reġistrata mal-Istat jew *Chartered Physiotherapist* u hija membru ta' *Chartered Society of Physiotherapists* rilevanti u għandha l-kwalifika ta' FCSP, MCSP, SRP jew Grad. Dip. Phys. jew l-ekwivalenti tagħhom.

**30. Sena tal-Polza**

Il-perjodu li jibda mad-data tal-bidu jew mad-data tat-tiġdid tiegħek u li jagħlaq fil-ġurnata qabel id-data tat-tiġdid li jmiss tiegħek. Bid-data tal-bidu aħna nifhmu d-data effettiva mid-data li tidher fuq l-ewwel ċertifikat ta' sħubija tiegħek għall-perjodu kontinwu tas-sħubija kurrenti tiegħek.

**31. Pjan / Skema**
Il-pjan ta' assigurazzjoni medika effettwat mill-Assigurat kif speċifikat fl-Iskeda u mehmuż magħha.

**32. Benefiċċji tal-Polza**
Kull benefiċċju mniżżel fil-Pjan relattiv miżjud bħala appendiċi ma' din il-Polza.

**33. Kondizzjoni Medika Pre-Eżistenti**
Kondizzjoni Medika li l-Assigurat jew il-Benefiċjarji tiegħu kellhom qabel xtraw il-polza u li int suppost infurmajtna biha. Din tinkludi kull Kondizzjoni Medika jew sintomi kemm jekk ikunu qed jiġu kkurati kemm jekk le, u kull Kondizzjoni Medika pre-eżistenti li tirrikorri jew li l-assigurat u l-benefiċjarji tiegħu suppost kienu raġonevolment jafu biha anke jekk hu/huma ma kkonsultawx tabib.

**34. Ambulanza Privata**
Vettura tat-triq imfassla biex tintuża bħala ambulanza u mħaddma minn servizz ta' ambulanzi privat reġistrat.

**35. Infermier Kwalifikat**
Infermier kwalifikat li ismu hu mniżżel bħalissa fir-reġistru professjonali relattiv tal-infermiera f'Malta jew fil-pajjiż fejn tkun qed tingħata l-kura.

**36. Tabib Kwalifikat**
Professjonist fil-kura tas-saħħa li bħalissa jipprattika professjoni komplimentari għall-mediċina u hu membru reġistrat tal-Assoċjazzjoni Professjonali Nazzjonali relattiva.

**37. Speċjalista**
Tabib (esklużi Speċjalisti fil-Mediċina tal-Familja) li:

- Hu reġistrat għat-termini tar-rekwiżiti lokali u li hu jew kien Konsulent fi Sptar Nazzjonali u li għadu jipprattika f'dik il-ħatra fl-ispeċjalità li għaliha l-Benefiċjarju jeħtieġ kura; jew
- Hu approvat mill-Kumpanija.

**38. Skeda ta' Proċeduri Kirurġiċi**
Lista kurrenti ta' Proċeduri Kirurġiċi miżmuma mill-Kumpanija.

**39. Kura**
Kull proċedura, konsultazzjoni, test jew investigazzjoni kirurġika jew medika meħtieġa biex tikkura jew attivament u sostanzjalment ittaffi Kondizzjoni Medika Akuta u li għandha ssir jew tkun ikkontrollata minn Speċjalista.

**40. Aħna, Tagħna u derivattivi tagħhom**
Dawn ifissru l-Kumpanija.

**41. Int, Tiegħek u derivattivi tagħhom**
Dawn ifissru l-Assigurat.

# TAQSIMA 2 - ĦLAS TA' PRIMJUMS

F'din it-taqsima aħna niżżilna l-kondizzjonijiet tal-ħlas tal-primjum.

1. Int responsabbli għall-ħlas kollu tal-primjum annwali għal kull persuna inkluża fil-polza.

2. Primjums għandhom jitħallsu lilna fil-Munita legali ta' Malta u għandhom jitħallsu fid-data li jsiru dovuti. Jekk ma jitħallsux sa dik id-data allura aħna nirriżervaw id-dritt li nikkanċellaw il-polza b'effett mid-data meta l-primjum jew il-parti dovuta minnu jsiru dovuti.

3. Jekk xi Membru jew Membri ġodda jew xi Dipendent jew Dipendenti tagħhom ikunu aċċettati minna taħt din il-polza, int għandek tħallasna primjum addizzjonali. Dan il-primjum addizzjonali jkun primjum pro-rata bbażat fuq in-numru ta' xhur li jkun baqa' bejn id-data tal-aċċettazzjoni u d-Data tat-Tiġdid wara d-data msemmija.

4. Jekk xi Membru jew xi Dipendent jew Dipendenti tiegħu jkunu jridu jikkanċellaw il-kopertura mogħtija lilhom hawn taħt tul is-sena tal-polza aħna nagħtu rifużjoni pro-rata tal-primjum sakemm ma jkunux saru xi klejm jew klejms kemm jekk imħallsin kemm jekk pendenti f'konnessjoni ma' din il-polza tul is-sena tal-polza li fiha din il-kopertura tkun se tiġi kkanċellata. Suġġett għal dan t'hawn fuq, ir-rifużjoni tal-primjum tkun ibbażata fuq in-numru ta' xhur li jkun baqa' bejn l-ewwel tax-xahar li jiġi wara d-data tal-kanċellament u d-Data tat-Tiġdid li jkun imiss.

5. Il-primjum jista' jitħallas kull sena, kull sitt xhur jew kull tliet xhur. Fil-każ ta' ħlasijiet li jsiru kull tliet jew kull sitt xhur ikun hemm żieda fil-prezz kif jingħad fl-Iskeda tal-Polza.

6. Primjum li jitħallas kull tliet jew sitt xhur jiġi aċċettat biss jekk jitħallas b'*Variable Direct Debit.* Hu importanti li tkun taf li l-primjum annwali sħiħ ikun dovut dejjem.

   Jekk l-Assigurat jonqos milli jħallas xi ħlas akkont ta' primjum meta dan ikun dovut, il-Kumpanija tista' fid-diskrezzjoni tagħha titlob li l-bilanċ kollu pendenti jitħallas immedjatament.

# TAQSIMA 3 - X'INHU KOPERT

L-iskop tal-Polza hu li tagħti kopertura għal ħlasijiet Normali u Raġonevoli għal Kura magħrufa li tkun medikament meħtieġa fil-każ ta' Kondizzjonijiet Mediċi Akuti. Din il-Polza mhix maħsuba biex tkopri Kura sperimentali jew mhix ippruvata, iżda jekk jinqalgħu sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta aħna niddiskutuhom mal-Ispeċjalista tal-Benefiċjarju u niddeċiedu jekk l-ispiża tal-Kura proposta hix koperta. Klejms jitħallsu għal dawk l-oġġetti speċifikati fil-Benefiċċji tal-Polza (sal-ammont imsemmi, jekk applikabbli).

Jekk il-Benefiċċju tal-Polza ma jkoprix l-ispiża kollha tal-Kura, il-Benefiċjarju jkun irid iħallas id-differenza.

# TAQSIMA 4 - KIF TIKKLEJMJA

Il-Benefiċjarju għandu jagħti lill-Kumpanija avviż minn qabel ta' kull Kura ppjanata bħal *in-patient*. Dan għandu jagħti lill-kumpanija l-opportunità li tikkonferma jekk il-kura proposta tiegħek hix koperta mill-polza jew le u l-livell ta' kopertura li għandek. Ksur ta' din il-kondizzjoni jippreġudika l-ħlas tal-klejm.

1. Il-Kumpanija tista' titlob lill-Benefiċjarju jagħtiha dik l-informazzjoni u/jew dokumentazzjoni li l-Kumpanija minn żmien għal żmien jista' jkollha bżonn.

2. Biex titħallas klejm taħt din il-polza kull Kura trid:
   i. issir wara riferiment mit-Tabib tal-Familja; u
   ii. tingħata minn u taħt il-kontroll ta' Speċjalista bl-iskop li tikkura Kondizzjoni Medika Akuta.

3. Ħlas ta' Benefiċċji tal-Polza jsir fid-diskrezzjoni tal-Kumpanija:
   i. Jew lill-Assigurat jew lill-Membru, skont il-każ, jew
   ii. Lill-persuna jew kumpanija li tkun tat il-Kura; jew
   iii. Fil-każ tal-mewt tal-Assigurat jew tal-Membru, skont il-każ, lill-Eżekuturi jew l-eredi bil-Liġi tal-eredità.

4. Biex wieħed jikkwalifika għall-Benefiċċju ta' Infermier id-Dar, kull Kura ta' Infermier trid issir immedjatament wara perjodu ta' Kura fi Sptar bħala *In-Patient* jew *Day-case* kopert mill-Polza; tkun approvata minn Speċjalista bħala Medikament Meħtieġa; tkun għal kura minn infermier li altrimenti jkollha tingħata fuq bażi ta' *In-patient* fi sptar; tkun fuq bażi *full-time* (jiġifieri mill-inqas seba' sigħat kuljum); tingħata minn infermier kwalifikat taħt id-direzzjoni ta' Speċjalista.

5 Kura alternattiva għandha tingħata taħt il-kura ġenerali tal-Ispeċjalista li jagħmel ir-referenza.

6. Il-Benefiċċji tal-Polza jitħallsu biss għal Kura eliġibbli li tingħata tul il-perjodu li għalih il-primjum kollu jkun tħallas.

7. Klejms ikunu kkunsidrati biss biex jitħallsu meta l-Benefiċjarju jkun tana l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni neċessarji kollha li aħna neħtieġu.

8. Kontijiet għal ħlas ta' Kura jkunu kkunsidrati biss sakemm ikunu pprovduti d-dokumenti oriġinali u suġġett li jintbagħtulna fi żmien tliet xhur minn meta tkun ingħatat il-Kura.

9. Aħna għandna d-dritt, a spejjeż tagħna, li naħtru eżaminatur mediku indipendenti biex jeżamina lill-Benefiċjarju u jikkunsidra l-klejm mill-ġdid.

10. Il-Benefiċjarju għandu jgħidilna jekk xi Benefiċċji kklejmjati taħt il-Polza jistgħux ikunu kkljemjati wkoll minn terza parti jew taħt Polza ta' Assigurazzjoni oħra.

    Jekk l-ispejjeż jistgħu jkunu kkljemjati taħt Polza ta' Assigurazzjoni oħra, allura aħna nħallsu biss il-proporzjon tagħna tal-ammont totali ta' dawk l-ispejjeż li huma eliġibbli biex jitħallsu taħt din il-Polza.

Jekk l-ispejjeż jistgħu jkunu kkljemjati minn terza parti, aħna nħallsu lill-Benefiċjarju l-ammont ta' benefiċċju li huwa intitolat għalih. Aħna mbagħad inkunu surrogati bid-dritt tal-Benefiċjarju biex niġbru lura mit-terza parti l-ammont ta' benefiċċju li nkunu ħallasna. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Benefiċjarju għandu:

i. Javżana kemm jista' jkun raġonevolment malajr li l-ispejjeż li jkunu qed jiġu kklejmjati huma dovuti ħtija ta' terza parti u jagħtina dawk id-dettalji li l-Kumpanija tista' teħtieġ; u
ii. Jagħmel dak kollu li aħna raġonevolment u b'mod prattiku neħtieġu biex niżguraw li l-benefiċċji jinġabru lura mit-terza parti.

# TAQSIMA 5 - EĊĊESS

Il-Benefiċjarju u/jew il-Kumpanija jista' jagħżel li japplika eċċess fil-polza tiegħu, jew meta tidħol fis-seħħ il-polza jew meta tiġi biex tiġġedded. F'każ ta' klejm, il-Kumpanija l-ewwel tikkalkula l-ammont ta' kull klejm li għandha titħallas mill-Kumpanija skont it-termini u l-kondizzjonijiet tal-Polza, u mbagħad l-Eċċess jitnaqqas minn dak l-ammont eliġibbli u l-bilanċ jintradd lura.

# TAQSIMA 6 - ESKLUŻJONIJIET

Aħna ma nħallsux klejms għal dan li ġej:

1. Kura ta' xi Kondizzjoni Medika li aħna stajna eskludejna speċifikament mill-benefiċċji kif muri taħt ir-ras "Termini Speċjali" fl-Iskeda tal-Polza jew f'dokumentazzjoni rilevanti oħra.

2. Kondizzjonijiet Mediċi Pre-Eżistenti, madankollu, ikunu koperti wara ħames snin ta' assigurazzjoni kontinwa magħna sakemm tul dak il-perjodu ta' ħames snin il-Benefiċjarju ma jkunx:

   - Ikkonsulta tabib għal kura jew parir (inklużi *check-ups*); jew
   - ħa medikamenti (inklużi kull xorta ta' mediċini, dieti speċjali u injezzjonijiet) għal dik il-Kondizzjoni Medika Pre-Eżistenti.

   Aħna nkopru biss kondizzjonijiet kardijaċi jew kanċerużi Pre-eżistenti sakemm meta l-kondizzjoni tirrikorri l-Benefiċjarju ma jkunx irċieva Kura, parir jew medikament għal dik il-Kondizzjoni Medika tul l-għaxar snin ta' qabel.

3. Ħlasijiet għall-ħrug ta' rapporti u preskrizzjonijiet mediċi.

4. Tqala jew twellid, minbarra fil-każ ta' komplikazzjonijiet relatati li jirriżultaw mill-inqas għaxar xhur wara li l-mara tkun issieħbet fil-Polza. Fil-każ ta' operazzjoni ċesarja, il-Kumpanija tħallas biss id-differenza bejn il-ħlas normali u raġonevoli tal-intervent u l-ħlas mitlub għal twelid normali.

5. Kull xorta ta' kontraċezzjoni, sterilizzazzjoni, terminazzjoni ta' tqala, infertilità u/jew xi forma ta' riproduzzjoni assistita, u kura ta' problemi sesswali, inklużi impotenza, bdil ta' sess jew kura għal dan l-iskop, jew li jirriżulta minn xi waħda minn dawn t'hawn fuq.

6. Kura ta' sintomi kkaġunati mix-xjuħija, menopawsa jew pubertà, jew minn xi kawża fiżjoloġika naturali oħra.

7. In-nefqa ta' titqib, investigazzjonijiet jew eżamijiet mediċi ta' rutina jew preventivi, skrinjar mediku, inklużi *check ups* ta' saħħa, testijiet tal-vista jew tas-smigħ jew kull kura preventiva oħra u kura biex jitneħħa tessut żejjed li ma jkunx marid.

8 Ħlasijiet li jsiru għal akkomodazzjoni u ħwejjeġ anċillari, kura ta' infermier id-dar u riabilitazzjoni li jsiru għal raġunijiet soċjali u domestiċi jew huma relatati magħhom, jew għal raġunijiet li mhumiex relatati mal-kura ta' Kondizzjoni Medika Akuta.

9. Ħlasijiet li jsiru lil kliniċi bħala *waiting room fees*.

10. Kura li tingħata f'*health hydros*, spas, kliniki għal kura naturali jew stabbilimenti simili, anke jekk huma reġistrati bħala Sptar.

11. i. Kura biex tibdel id-dehra fiżika tiegħek, kemm jekk meħtieġa kemm jekk le għal raġunijiet mediċi jew psikoloġiċi, jew xi kura li għandha x'taqsam ma' dan jew li hi meħtieġa b'riżultat ta' kura kosmetika li tkun saret qabel.

    ii. Kura li tinvolvi t-tneħħija ta' tessut b'saħħtu (jiġifieri tessut li mhux marid), jew it-tneħħija ta' tessut żejjed jew xaħmi, kemm jekk meħtieġa għal raġunijiet mediċi jew psikoloġiċi u kemm jekk le, sakemm dawn ma jsirux wara operazzjoni kirurġika biex ireġġgħu lura d-dehra tiegħek wara korriment aċċidentali jew bħala riżultat dirett ta' kirurġija għall-kanċer, jekk xi waħda minn dawn isiru tul il-perjodu kontinwu kurrenti tal-assigurazzjoni tiegħek u tul perjodu ta' mhux aktar minn 24 xahar minn aċċident ta' din ix-xorta jew ta' intervent kirurġiku, basta l-kura oriġinali għall-aċċident jew kanċer kienet tikkostitwixxi klejm eliġibbli.

12. Kull kondizzjoni Dentali jew Ortodontika bl-eċċezzjoni ta' proċedura li tidher fil-lista ta' Proċeduri Kirurġiċi li aħna nippubblikaw u li għandha ssir minn kirurgu orali u maxillofaċċjali jew fil-każ ta' kura dentali ta' emerġenza meħtieġa biex treġġa' lura kif kienu jew tibdel snien naturali b'saħħithom jew imħassrin wara korriment aċċidentali.

13. Dialiżi tal-kliewi regolari jew fit-tul jew kollass tal-kliewi fl-aħħar stadju tiegħu.

14. Kura li tingħata minħabba korriment ikkaġunat apposta minnek stess jew minħabba attentat ta' suwiċidju.

15. Kura mogħtija biex ittaffi xi kondizzjoni jew diżordni allerġiċi.

16. Kura mogħtija minħabba kull xorta ta' mard li hu trażmess sesswalment jew li skont klassifika aċċettata b'mod ġenerali huma klassifikati bħala Mard Trażmess Sesswalment (STDs).

17. Kura mogħtija minħabba abbuż ta' alkoħol, drogi jew sustanzi.

18. Kura li b'xi mod tirriżulta minn *Human Immune Deficiency Virus* (HIV) jew minn *Acquired Immune Deficiency Syndrome* (AIDS) jew minn xi kondizzjoni jew sindromu simili jew relatat.

19. Kura li tirriżulta minn bidla fis-sess jew relatata magħha.

20. Kura li tirriżulta minn kontaminazzjoni nukleari jew kimika, gwerra, terroriżmu, invażjoni, att ta' għadu barrani, ostilitajiet (kemm jekk tkun iddikjarata gwerra kemm jekk le), gwerra ċivili, rewwixta jew disturbi, storbju ċivili, ribelljoni, rivoluzzjoni, qawwa militari jew kolp ta' stat.

21. Ħlasijiet li jsiru għal tagħmir u apparati ta' għajnuna, inklużi nuċċalijiet, *contact lenses*, apparat li jgħin is-smigħ, siġġijiet bir-roti, liftijiet għat-turġien u apparati simili.

22. (a) Ħlasijiet mitluba għal meta l-Benefiċjarju ddaħħal l-Isptar jew bħala *In-patient* jew fuq bażi ta' Kura għal ġurnata:
    i. qabel id-data meta nbdiet il-Kura; jew
    ii. bħala parti minn proċess rikuperattiv li altrimenti seta' sar barra minn Sptar bla ebda ħlas.

    (b) Kura Medika li ssir fuq bażi *In-patient* meta fil-fatt ma jkunx hemm medikament bżonn li jsir hekk, u fil-fatt tkun setgħet saret fuq bażi *Out-patient*, titħallas taħt it-taqsima tal-Benefiċċji *Out-patient.*

23. Pilloli, faxex, applikazzjonijiet kirurġiċi jew dentali fuq bażi ta' *Out-patient* jew bħala *In-patient* iżda biex jintużaw bħala *Out-patient*, sakemm ma jkunux koperti b'mod speċifikat fl-iskema.

24. Kura għal Anormalitajiet Konġenitali minbarra Anormalitajiet Konġenitali li saru f'operazzjoni ta' emerġenza fi żmien tmienja u għoxrin ġurnata mit-twelid.

25. Ħlasijiet li jsiru għall-kontroll u t-tnaqqis tal-piż.

26. Korrimenti li jirriżultaw minn sehem f'attivitajiet sportivi ta' kull xorta li għalih il-Benefiċjarju jitħallas jew jirċievi xi benefiċċju.

27. Kura jew monitoraġġ fir-rigward ta' Kondizzjonijiet Mediċi Kroniki jew Kura Paljattiva ta' Kondizzjoni Medika terminali.

28. Kura diretta biex ittejjeb żvilupp ritardat fi tfal kemm jekk fiżiku kemm jekk psikoloġiku, diżordinijiet fit-taħdit jew diffikultajiet fit-tagħlim.

29. Kura psikjatrika sakemm din il-kura ma tingħatax bħala *Day-case* jew *In-patient* wara li tkun ilek sentejn kopert mill-polza. F'dan il-każ il-kopertura hija limitata għal total kollettiv ta' 30 ġurnata tul ħajtek kollha. Dan japplika għall-poloz kollha tal-*Middlesea Insurance Healthcare* li kont assigurat bihom jew li tista' tkun assigurat bihom fil-futur, kemm jekk il-kopertura tkun kontinwa kemm jekk le.

30. Kura għal diżordnijiet fl-irqad.

31. Kura biex tirranġa l-vista inklużi nuċċalijiet jew *contact lenses* u kura bil-laser, sakemm mhumiex ikkaġunati minn korriment jew kondizzjoni akuta.

32. Kura wara trapjant ta' organu meta d-donatur hu l-Benefiċjarju.

33. Kura li ma tingħatax minn Tabib kwalifikat jew servizzi mogħtijin minn wieħed li hu membru tal-familja tal-Benefiċjarju, inklużi r-raġel jew il-mara, aħwa, ġenituri jew ulied.

34. Kura wara att kriminali tal-Benefiċjarju, ksur jew attentat ta' ksur tal-liġi u reżistenza għal arrest legali jew priġunerija li jirriżultaw minn dawn.

# TAQSIMA 7 - KANĊELLAMENT TAL-POLZA

F'din it-taqsima aħna niżżilna l-kondizzjonijiet li taħthom aħna nistgħu nikkanċellaw jew nibdlu l-Polza.

Aħna nistgħu nikkanċellaw jew nemendaw il-Polza u/jew il-kopertura immedjatament jekk il-Benefiċjarju:

- Tana tweġibiet foloz, ħżiena jew inkompleti għal xi informazzjoni relatata ma' formola ta' applikazzjoni, polza jew klejm taħt il-polza;
- Naqas milli jikkonforma għal kollox mat-termini u kondizzjonijiet tal-Polza;
- Naqas milli jħallas il-primjum jew parti mill-ammont dovut tiegħu.

# TAQSIMA 8 - KONDIZZJONIJIET TAL-POLZA

F'din it-taqsima aħna niżżilna l-Kondizzjonijiet Ġenerali tal-Polza.

1. Ebda persuna ma tista tibdel xi terminu jew benefiċċju tal-Polza jekk mhux b'*endorsement* maħruġ minna.

2. Il-Polza hija għal kull fini kuntratt Malti u għandha tiġi amministrata minn u skont il-Liġijiet ta' Malta u tkun suġġetta għall-ġuriżdizzjoni esklussiva tal-Qrati Maltin.

3. Aħna għandna dritt nibdlu l-polza inklużi termini, rati tal-primjum u l-benefiċċji tal-polza meta din tiġi biex tiġġedded.

4. Aħna ma nżidux imgħaxijiet ma' xi flus imħallsin jew dovuti minna taħt il-polza.

5. Fejn hu meħtieġ kliem fis-singular jinkludi l-plural u kliem fil-maskil japplika għall-femminil.